MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tal-5 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 83/2014

**I.G. Enterprises Limited u Ivan Zammit**

**Vs**

**Cycleworld u b'digriet datat 12 ta' Marzu, 2014 l-isem Cycleworld gie mhassar u sostitwit bl-isem Cycle World Limited**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fis-6 ta' Frar, 2014** u li permezz taghha talbu lis-socjeta intimata thallashom is-somma ta' tlett elef u erba' mitt euro [€3,400] u dan wara li ppremettew hekk:

"L-atturi flimkien u solidalment bejniethom jaghmlu referenza ghax-xiri u akkwist tal-mutur tal-ghamla HYOSUNG bin-numru ta'

registrazzjoni FDK 734 ghal prezz ta' tlett elef seba' mija seba u ghoxrin Ewro (€3,727.00) mis-socjeta konvenuta u dan kif jirrizulta mill-invoice u ircevuta fiskali minnhom mahruga, kopji hawn annessi u mmarkati bhala Dok A u B.

Illi, dan il-mutur inxtara minnghand is-socjeta konvenuta bl-iskop li jinkera lill-klijenti tal-atturi;

Illi, l-mutur in kwistjoni zviluppa hsara f'Jannar, 2013 [u b'digriet datat 10 ta' April, 2014 il-kliem Jannar, 2013 gew sostitwiti bil-kliem Ottubru 2012] u ittiehed, fuq struzzjonijiet tas-socjeta konvenuta, jew xort' ohra ir-rapprezentanti taghha, ghand Steve Garage sabiex isiru t-tiswijiet necessarji u l-mutur baqa iggaraxxjat sal-gurnata tal-lum minghajr ghadu lanqas biss issewwa minhabba l-hsarat elettronici tieghu rizultanti minn difett mistur fil-magna tal-vettura;

Illi, barra spejjez ta' insurance u licenzja tat-triq l-atturi garrfu ukoll telf minn nuqqas tal-kiri tal-mutur;

Illi, l-atturi jaghmlu referenza ghall-ittra ufficjali taghhom fejn is-socjeta konvenuta intalbet sabiex taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-atturi, izda din baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza

U b'digriet datat 10 ta' April, 2014 zdiedu l-kliem "Bl-ispejjez tal-ittra ufficjali nru. 326/14 intavolata kontestwalment ma' din it-talba".

Ra **r-risposta tas-socjeta intimata** minnha mressqa fit-28 ta' Frar, 2014 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba rikorrenti:

"Illi l-pretensjonijiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li:

1. Preliminarjament it-talba hija perenta b'terminu ta' sitt xhur[1];

2. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost s-socjeta esponenti ma ghandha thallas ebda danni stante li ma irrekat ebda danni jew telf lis-socjeta rikorrenti, izda l-akkadut kien biss tort u htija tas-socjeta rikorrenti kif ser jigi ppruvat ahjar fil-mori tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez u bl-imghax.

L-intimati ngunti in subizzjoni".

Ra n-nota tas-socjeta intimata minnha mressqa fit-13 ta' Marzu 2014 u li permezz taghha hija ndikat l-artikolu 1431 tal-Kapitolu 16 bhala l-artikolu li kellhu jigi indikat fl-ewwel eccezzjoni taghha;

Ra l-verbal datat 24 ta' Gunju, 2014 fejn Dr. Etienne Calleja ghar-rikorrenti rrileva *"... li t-talba tar-rikorrenti hija limitata ghal dewmien biex is-socjeta rikorrenti u r-rikorrenti jinghataw il-pussess tal-mutur FDK-734 il-bqija mhu qed jitlob l-ebda tip ta' danni ohra*" (fol. 153). Dr. Sharon Mizzi ghas-socjeta intimata irrilevat li r-rikorrenti seta jiehu dan il-mutur minghand is-socjeta intimata liberament u li din l-istedina kienet ilha taghmilha sa mill-bidu ta' dawn il-proceduri (fol. 153). Dr Mizzi qalet ukoll li *"... r-rikorrenti Ivan Zammit mar f'zewg okkazzjonijiet sabiex jigbor in-number plate, izda ried ihalli l-mutur hemmhekk. Haga li s-socjeta intimata ma accettatx*" (fol. 154).

[1] Illi b' nota datata 13 ta' Marzu 2014, s-socjeta intimata indikat l-artikolu 1431 tal-Kapitolu 16 bhala l-artikolu li ghalih kienet qeghda taghmel referenza din l-eccezzjoni;

Ra l-verbal datat 4 ta' Frar, 2015 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz tat-Talba odjerna, r-rikorrenti qalu li l-mutur tat-tip HYOSUNG bil-pjanca ta' registrazzjoni numru FDK 734 kellu difett mistur tant li l-hsarat elettronici tieghu baqa ma ssewwiex oltre li minhabba l-agir tas-socjeta intimata huma sofrew danni. Is-socjeta intimata laqghet ghat-talbiet rikorrenti billi qalet li t-talba odjerna hija perenta a tenur ta' l-artikolu 1431 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u li hi ma ghandha thallas ebda danni stante li ma irrekat ebda danni jew telf lis-socjeta rikorrenti, izda l-akkadut kien biss tort u htija tas-socjeta rikorrenti.

Ikkunsidra ulterjorment;

2. **Ir-rikorrenti Ivan Zammit** xehed u qal li hu u s-socjeta rikorrenti kienu, fis-6 ta' Lulju, 2009, xtraw il-mutur tal-ghamla HYOSUNG tal-mudell GT-250 bil-pjanca tar-registrazzjoni FDK-734. Qal ukoll li s-socjeta rikorrenti tmexxi d-ditta Tony's Rentals li topera mill-hanut bl-isem Kollections, 46, Triq ix-Xatt, Sliema. Qal li huwa kien spjega lis-socjeta intimata li l-mutur riedu biex jikrih u "*... ghalhekk kellu jkun ta' bizzejjed sahha biex jiflah hafna uzu u tibdil tal-idejn*" (fol. 15). Kompla jghid li wara li l-mutur kien ghandhom ghal madwar erba' (4) xhur, u kellu madwar elf kilometru (1000km), kien marlu d-*dashboard display* tieghu u li s-socjeta intimata biddlitu a spejjez taghha. Wara xi sentejn regghet gratlu hsara ohra, din id-darba, kienet illokjat ir-rota ta' wara. Anke din il-problema kienet ttrangat ukoll. Ghal habta ta' Settembru 2012 huwa

reggha ha l-mutur ghand is-socjeta intimata u dan minhabba li kien hemm peress li kien hemm problema fl-*idling speed*. Il-mutur hallih ghand is-socjeta intimata u dan peress li hija ma setatx issib kaptu, skond ir-rikorrenti, ta' minn fejn kienet gejja l-problema. Ir-rikorrenti qal li l-mekkanik tas-socjeta intimata, Steve Scerri Worley, kien qallu li huwa kien ser jistenna sakemm habib tieghu li kellu mutur simili ghal tieghu jdahhal l-istess mutur ghandhom halli jkun jista jiehu xi parts minnu halli jippruvahom fuq il-mutur tieghu halli jkun jista jindividwalizza l-problema. Wara hafna telefonati biex jara jekk kienux skoprew minn fejn kienet gejja l-problema, r-rikorrenti jghid li f'Gunju 2013 il-mekkanik kien qallu li kienet marret l-E.C.U (Electronic Control Unit) tal-mutur. Il-mekkanik, kompla jghid ir-rikorrenti, kien qallu li riedet titbiddel din l-E.C.U. Wara li staqsieh il-prezz taghha, r-rikorrenti talab lill-mekkanik sabiex jordnaha u jbiddilha. F'Awwissu, 2013 huwa kien cempel lill-mekkanik u dan infurmah li kienet qeghda fil-pussess tas-socjeta intimata izda kienet ghadha ma twahhlitx. Xi ftit jiem wara din it-telefonata, r-rikorrenti reggha cempel lill-mekkanik u kien hawn li dan ta' l-ahhar qallu li kellhom problema. Ir-rikorrenti qal li l-mekkanik "*qalli li l-E.C.U. li kienu bghatulu ma kenitx taqbel mal-mutur. Fi kliem iehor kien qalli li bghatulu l-part il-hazina*" (fol. 18). Meta staqsieh x'kien fi hsiebhom jaghmlu, l-mekkanik wiegbu u qallu li "*kellhom ikellmuhom biex igibu l-part it-tajba*" (fol. 18). Sal-lum, qal ir-rikorrenti, l-mutur kien ghadu ghand is-socjeta intimata. Ghalaq billi qal li huwa kellhu jaghmel din il-kawza minhabba t-telf li huwa sofra minhabba li ma setax jikri dan il-mutur tul iz-zmien kollu li l-mutur kien ghand is-socjeta intimata. Fis-seduta tal-24 ta' Gunju, 2014 r-rikorrenti esebixxa tlett ricevuti rilaxxati mis-socjeta intimata li juru li l-mutur in kwistjoni kien dahal tlett darbiet ghas-service ghandha. Qal ukoll li huwa kien ghamel "*... services ohra li pero bqajt ma inghatajtx ricevuta ghalihom, dan mis-Cycle World*" (fol. 155). Ir-rikorrenti esebixxa ukoll rendikont tad-danni minnu subiti kemm kien ilu dan il-mutur ghand is-socjeta intimata. B'referenza ghal dan ir-rendikont, ir-rikorrenti qal hekk:

i. Bejn is-7 ta' Jannar, 2013 u s-16 ta' Frar, 2014 huwa tilef is-somma ta' €3,962 (Skeda B, fol. 47);

ii. Loss in usage value fl-ammont ta' €993.87c (Skeda C, fol. 49);

iii. Deprezzament tal-mutur fl-ammont ta’ €433.80c (Skeda D, fol. 50);

iv. Disbursements maghmula minnu in konnessjoni ma dan il-mutur tul iz-zmien li dam fil-pussess tas-socjeta intimata u cioe l-insurance li r-rikorrenti baqa jhallas u l-licenzja tal-MTA fl-ammont ta’ €624.60c (Skeda E, fol. 51);

B’kollox qal ir-rikorrenti, huwa sofra s-somma ta’ €6,014.27c f’danni.

Ir-rikorrenti reggha xehed fis-7 ta’ Ottubru, 2014 u qal li l-fatt li huwa ha l-mutur b’mitt kilometru iktar milli dak li kien hemm imnizzel fl-*owner’s manual* ghar-rigward ta’ l-ewwel *service* ma kien ser jaghmel l-ebda differenza. Cahad li huwa kien kellem lix-xhud John Mamo fuq dan il-mutur u li huwa dejjem ikkomunika ma Steve Scerri Worley. Qal li meta kien dahhal il-mutur bil-problemi l-ahhar darba ghand is-socjeta intimata u Steve Scerri Worley kien qallu li aktarx il-hsara kienet gejja mill-ECU, huwa kien kmanda lil dan Scerri Worley sabiex jordna l-part li kien hemm bzonn li titbiddel. Sussegwentement huwa skopra li din il-part ma kienitx giet ordnata Imbaghad wara li kien dahal il-mutur l-iehor li kien bhal tieghu, kompla jghid ir-rikorrenti, Steve Scerri Worley kien ikkonfermalu li l-problema gejja definittivament mill-ECU. Ghal darb’ ohra huwa reggha qal lil dan Scerri Worley sabiex jordna din il-part. Ir-rikorrenti qal li huwa qatt ma intalab sabiex ihallas depsoitu ghal din il-part minghand is-socjeta intimata jew l-addetti taghha. Wara li huwa kien skopra li kienet ingiebet il-part il-hazina, huwa kien staqsa lil Scerri Worley kif kienu ser jibqghu u dan Scerri Worley, skond ir-rikorrenti, kien talbu sabiex jikkomunika mal-management tas-socjeta intimata. Meta r-rikorrenti rrifjuta li jaghmel dan, Scerri Worley qallu li kien ser jara x’seta jaghmel. Baqa ma sema xejn u ghalhekk kellu jaghmel din il-kawza. Ir-rikorrenti qal ukoll li meta kienet inqalghet il-kwistjoni dwar il-part, huwa kien kellem lil Rita Mamo, oht id-direttur John Mamo. Qal ukoll li huwa qatt ma kellhu xi part tal-mutur f’idejh u li l-parts dejjem ha hsieb li jgibhom Steve Scerri Worley.  Cahad ghal darb’ ohra li xi hadd mis-socjeta intimata kien cempillu sabiex ihallas depositu fuq il-part li kienet ser tingieb minn barra u cioe fuq c-ECU.

3. Fis-6 ta' Frar, 2014 ir-rikorrenti pprezentaw ittra ufficjali kontra s-socjeta intimata (fol. 20).

4. B'kuntratt datat 6 ta' Lulju, 2009, ir-rikorrenti Ivan Zammit [ghalkemm fil-kuntratt il-kunjom huwa indikat bhala Gatt] xtara u akkwista minghand is-socjeta intimata l-mutur mertu tal-kawza odjerna (fol. 23).

5. **John Mamo**, direttur tas-socjeta intimata xehed u qal li madwar hames xhur wara li r-rikorrenti kien xtara dan il-mutur, huwa kien hadu ghandhom l-ghaliex id-*dashboard* ma kienx qed jidher sew. Is-socjeta intimata biddlet din id-*dashboard*. Kompla jghid li madwar sentejn u tlett xhur wara li kien inxtara l-mutur, kienet fegghet problema fil-*brake* ta' wara u "*... minkejja li l-garanzija kienet skadiet bi tlett (3) xhur xorta rrangajnihielu b'xejn*" (fol. 32). Qal li s-socjeta intimata toffri l-ewwel service b'xejn. Ghal dan is-service, kompla jghid ix-xhud, ir-rikorrenti gab il-mutur izda mhux l-istess ghamel ghal kumplament tas-services. Fil-fatt, ir-rikorrenti, stqarr ix-xhud, ma hax il-mutur in kwistjoni ghal kumplament tas-services. Qal ukoll li minkejja li r-rikorrenti ma mexiex mal-kuntratt, u minkejja li kienet skadiet il-garanzija, huma xorta wahda sewwewlu l-hsarat li kien qieghed jilmenta minnhom ir-rikorrenti. F'Ottubru, 2012, ir-rikorrenti reggha ha l-mutur ghand is-socjeta intimata sabiex jaghmel xi tiswijiet fih. Qal li "*ahna ivverifikajna dak li kien qieghed jghid, sibna li ma kienx qieghed izomm slow ossia idle u sabiex nistabilixxu ezattament fejn kien hemm il-hsara peress li kien oggett elettriku u nfurmajnieh illi hekk kif appena jidhol mutur bhal tieghu ghas-service ahna naqalghu l-component minn dak il-mutur, naghmlu l-component tal-mutur tar-rikorrenti u jekk jirrizulta l-istess haga allura nkunu nistghu b'mod preciz nghidu minn fejn kienet gejja l-problema u dan sabiex ma nefquhx flus fil-vojt*" (fol. 33). Wara li spjegawlu dan kollu, ix-xhud qal li r-rikorrenti lilhom ma kien qallhom xejn u li kieku ma ghogbtux din il-metodologija huwa seta' facilment imur ghand haddiehor. Wara li kien dahal l-mutur li kien bhal tar-rikorrenti, u biddlu l-*components* ta' dan il-mutur mal-mutur tar-rikorrenti, huma iddentifikaw min fejn kienet gejja l-problema. Qal li r-rikorrenti kien mar il-Parts Department tas-socjeta intimata u peress li ma kellhomx din il-part, kellha tigi ordnata minn barra. Zied ighid li biex tigi ordnata din il-part, kien jehtieg li jsir depositu akkont, "*... liema depositu akkont sal-lum*

*ghadu qatt ma sar mir-rikorrenti u ghalhekk ahna ma ordnajnihiex* ” (fol. 34). Meta ircevew il-kawza odjerna, kompla jghid ix-xhud, il-mechanic Steve Worley, kien cempel lir-rikorrenti minn quddiem ix-xhud u kien infurmah li l-part ghadha disponibbli minn barra u li “... *jekk jigi u jaghmel id-depozitu li konna tlabnieh jaghmel din kienet tingieb fi zmien gimghatejn*” (fol. 34). Minkejja dan, ir-rikorrenti baqa ma ordnax din il-part. Mistoqsi mit-Tribunal jekk il-hsara fl-elettronika setatx kienet qeghda hemm meta huwa xtara dan il-mutur, ix-xhud qal li “... *din hija xi haga difficli immens il-ghaliex id-difett kien fl-elettronika u allura jekk kien hemm dan id-difett kien johrog mal-ewwel u mhux tlett snin u tlett xhur wara li kien xtrah*” (fol. 34). Dan seta jghidu l-ghaliex huwa ilu 29 sena jaghmel xoghol ta’ technicia u jifhem sew f’dawn l-affarijiet. Qal ukoll li hsarat bhal dawn jigru peress li ma ssirx manutenzjoni kif suppost ta’ l-oggett. Mistoqsi kemm kien ilu ghandhom dan il-mutur qabel ma sabu minn fejn kienet gejja l-hsara, ix-xhud qal li kien ilu ghandhom ghal madwar hames xhur. Ix-xhud esebixxa rendikont dettaljat ta’ meta saru s-services relattivi ghal dan il-mutur mis-socjeta intimata u kemm kellu kilometri meta dan il-mutur kien iddahhal ghas-service mir-rikorrenti. Irrizulta min dan id-dokument li gie mmarkat bhala dok. JMZ 5 (fol. 164) li l-mutur dejjem ittiehed ghand is-socjeta intimata b’ammont ta’ kilometri aktar milli suppost kellhu jittiehed skond l-*owner’s manual*. Ix-xhud insista, fis-seduta tal-24 ta’ Gunju, 2014 li “*l-ECU qatt ma giet ordnata minn ghandna. Ahna meta nordnaw dawk it-tipi ta’ parts bhal ECU ikunu jirrikjedu li jithalla depozitu. Il-part li kellna in stock kienet ordnata minn haddiehor pero ma kienx gie ghaliha pero dik il-part li kien hemm in stock ma kienitx taqbel mal-mutur tar-rikorrenti*” (fol. 159).

Fis-seduta tas-7 ta’ Ottubru, 2014 x-xhud qal li wara xahrejn u nofs li l-mutur kien ilu ghandhom, huwa kien kellem personalment lir-rikorrenti fejn infurmah bil-metodu li kienu qed juzaw u li kien skond hu, l-iktar wiehed ekonomiku. Dan fis-sens li huma jbiddlu biss dik il-parti li tkun tehtieg li titbiddel u mhux il-parts kollha li huma jahsbu li ghandha titbiddel. Biex dan isir pero, jkun jehtieg li juzaw parts minn mutur iehor li jkun bhal dak li jkollhom ghat-tiswija. Qal li “*ghalina l-iktar haga facli hi li nbidlu l-affarijiet kollha l-ghaliex b’hekk tehles aktar malajr u taqla aktar flus. Imma s-servizz li naghtu lil klijenti taghna mhuwiex dak it-tip*” (fol. 173). Ghalaq ix-xhieda tieghu billi qal li “... *l-maggior parti tal-*

*affarijiet li kien qieghed tilmenta minnhom is-socjeta rikorrenti nghid illi gew minhabba n-nuqqas ta' service li ghamlu fuq il-mutur*" (fol. 173).

6. **Stephen Worley** qal li huwa l-*mechanic* tas-socjeta intimata. Qal li huwa kien ra l-mutur in kwistjoni ghal ewwel darba meta r-rikorrent kien hadu ghand is-socjeta intimata sabiex isirlu l-ewwel *service* tieghu. Qal ukoll li madwar erba' jew hames xhur wara li kien inxtara r-rikorrenti kien ha l-mutur sabiex jkun jista jinbidillu d-*dashboard* u dan minhabba xi hsarat li kellhu f'din il-parti. Din kienet it-tieni darba li huwa kien ra dan il-mutur. B'referenza ghall-garanzija li kellhu l-mutur peress li kien inxtara gdid minghand is-socjeta intimata, x-xhud qal li l-ewwel *service* kellu jsir mal-elf kilometru, it-tieni *service* mal-hamest' elef kilometru u imbaghad kellu jsir *service* ma kull hamest' elef kilometru li kien ikollu l-mutur. Wara li kienu ghaddew is-sentejn u allura kienet skadiet il-garanzija, il-mutur kienet marritlu l-master cylinder u s-socjeta intimata, bhala sinjal ta' rieda tajba kienet biddlet din il-part b'xejn. Dwar il-kwistjoni tac-CDI (ir-rikorrenti isejhilha ECU) ix-xhud qal li peress li din il-part kienet tiswa l-flus, huwa kien issugerixxa lir-rikorrenti sabiex jistenna ftit sakemm ikollu mutur iehor bhal tieghu li jidhol fil-garaxx u dan sabiex ikun jista jipprova "*... parti minn dan il-mutur li jidhol fuq il-mutur tar-rikorrenti sabiex imbaghad minn hemm inkun nista nistabilixxi jekk il-hsara hijiex mis-CDI box. Effettivament hekk irrizulta*" (fol. 41). Qal li l-kwistjoni ta' min fejn kienet gejja l-hsara ma kienitx daqshekk facli sabiex tigi stabbilita u dak li kienu ghamlu ghamluh sabiex ir-rikorrenti jiffranka l-flus. Qal li l-mutur dam ghandhom madwar hames xhur qabel ma skoprew minn fejn kienet gejja l-problema. Qal li r-rikorrenti, kieku ma ghogbitux is-sistema adoperata minnu seta facilment ha l-mutur ghand mechanic iehor. Ix-xhud qal li din ic-CDI box giet ordnata mis-socjeta intimata u r-rikorrenti ma oggezzjonax ghal dan il-fatt. Fil-fatt, kompla jghid ix-xhud, ir-rikorrenti kien awtorizzah sabiex igib din ic-CDI box. In kontro-ezami, huwa qal li c-CDI box hija l-qalb tal-mutur u minkejja li s-socjeta intimata ghandha d-diagnostic equipment biex tkun taf minn fejn gejja l-hsara, peress li kienet marret din l-istess CDI box allura ma kien hemm l-ebda sinjal li beda jghaddi ghad-*diagnostic equipment*. Qal li huwa ma kienx ta parir lir-rikorrenti sabiex ibiddel din ic-CDI box mal-ewwel l-ghaliex tiswa hafna flus u ried ikun mija fil-mija li l-kwistjoni kienet gejja minnha. Qal li ghalih kienet haga facli li jghid lir-rikorrenti

sabiex ibiddel din il-part u l-kwistjoni tieqaf hemm, izda huwa ried ikun cert sabiex ma joqghodx ineffaq flus lir-rikorrenti. Ghalhekk qal lir-rikorrenti sabiex jistenna ftit sakemm jidhol mutur bhal tieghu halli jkun jista jbiddel ic-CDI box ta' dan il-mutur ma dak tar-rikorrenti u b'hekk ikun jista jistabilixxi b'certezza minn fejn kienet gejja l-hsara. Wara li kienet giet ordnata l-part mis-socjeta intimata u giet, r-rikorrenti mar jigborha u hadha ghand ix-xhud sabiex dan ikun jista jinstallaha fuq il-mutur tieghu. Qal li meta gablu din il-part, huwa rrejalizza li din ma kienitx kompatibbli mal-mutur tar-rikorrenti. Zied ighid li "*l-ordni tal-part saret mis-socjeta ntimata. Jiena mbaghad avzajtu sabiex imur igib il-part it-tajba. Jiena hallejt f'idejh u ma nafx jekk gietx ordnata din il-part jew le minnu*" (fol. 43A).

Ikkunsidra ulterjorment;

7. Nibdew bl-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata li hija msejsa fuq l-artikolu 1431 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu tal-ligi jghid li

**1431.** (1) L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqgħu bil-preskrizzjoni, għal dawk li huma immobbli, bl-egħluq ta' sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u, għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli, bl-egħluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa.

(2) Iżda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-ħaġa, iż-żminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx igħaddu ħlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett.

(3) Iż-żminijiet tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmija jimxu kif jingħad fl-artikolu 1407(2).

8. It-Tribunal qed jifhem li din l-eccezzjoni inghatat in vista tal-fatt li fil-korp tat-Talba originali, r-rikorrenti uzaw il-kliem "*difett mistur*" (fol. 2).

Pero in vista tad-dikjarazzjoni maghmula mill-abbli difensur tar-rikorrenti fil-verbal datat 24 ta' Gunju, 2014 u cioe "... *li t-talba tar-rikorrenti hija limitata ghal dewmien biex is-socjeta rikorrenti u r-rikorrenti jinghataw il-pussess tal-mutur FDK-734 il-bqija mhu qed jitlob l-ebda tip ta' danni ohra*" (fol. 153). It-Tribunal mhux ser jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eccezzjoni u ghal kull buon fini qieghed jichadha anke l-ghaliex, kif ddikjara l-istess difensur tar-rikorrenti, din ma hijiex kawza mibnija fuq l-azzjoni redibitorja jew estimatorja izda hija biss kawza ghal danni minhabba dewmien da parti tas-socjeta intimata li taghti l-pussess lura tal-mutur lir-rikorrenti.

9. B'referenza ghall-kwistjoni mqanqal dwar id-dewmien jirrizultaw is-segwenti fatti ta' riljev:

i. Ghal habta ta' Settembru 2012 ir-rikorrenti ha l-mutur ghand is-socjeta intimata u dan minhabba li kien hemm peress li kien hemm problema fl-*idling speed*. Skond id-direttur tas-socjeta intimata John Mamo, ir-rikorrenti ha l-mutur ghand is-socjeta intimata f'Ottubru, 2012.

ii. Il-mutur hallih ghand is-socjeta intimata u dan peress li hija ma setatx issib kaptu, skond ir-rikorrenti, ta' minn fejn kienet gejja l-problema.

iii. Ir-rikorrenti qal li l-mekkanik tas-socjeta intimata, Steve Scerri Worley, kien qallu li huwa kien ser jistenna sakemm habib tieghu li kellu mutur simili ghal tieghu jdahhal l-istess mutur ghandhom halli jkun jista jiehu xi parts minnu halli jippruvahom fuq il-mutur tieghu halli jkun jista jindividwalizza l-problema. Dan il-fatt gie ikkonfermat mid-direttur tas-socjeta intimata John Mamo fix-xhieda tieghu meta qal li "*ahna ivverifikajna dak li kien qieghed jghid, sibna li ma kienx qieghed izomm slow ossia idle u sabiex nistabilixxu ezattament fejn kien hemm il-hsara peress li kien oggett elettriku u nfurmajnieh illi hekk kif appena jidhol mutur bhal tieghu ghas-service ahna naqalghu l-component minn dak il-mutur, naghmlu l-component tal-mutur tar-rikorrenti u jekk jirrizulta l-istess haga allura nkunu nistghu b'mod preciz nghidu minn fejn kienet gejja l-problema u dan sabiex ma nefquhx flus fil-vojt*" (fol. 33). John Mamo qal ukoll li wara li kienu spjegaw din il-metodologija li kienu ser juzaw, ir-rikorrenti ma kien qallhom xejn. Zied ighid illi kieku ma

ghogbitux din il-metodologija huwa seta' facilment imur ghand haddiehor. **Stephen Worley**, il-*mechanic* tas-socjeta intimata, b'referenza ghall-fatt tal-hsara fl-ECU, qal li huwa kien issugerixxa lir-rikorrenti sabiex jistenna ftit sakemm ikollu mutur iehor bhal tieghu li jidhol fil-garaxx u dan sabiex ikun jista jipprova "... *parti minn dan il-mutur li jidhol fuq il-mutur tar-rikorrenti sabiex imbaghad minn hemm inkun nista nistabilixxi jekk il-hsara hijiex mis-CDI box. Effettivament hekk irrizulta*" (fol. 41). Qal li l-kwistjoni ta' min fejn kienet gejja l-hsara ma kienitx daqshekk facli sabiex tigi stabbilita u dak li kienu ghamlu ghamluh sabiex ir-rikorrenti jiffranka l-flus. L-istess xhud qal ukoll li huwa ma kienx ta parir lir-rikorrenti sabiex ibiddel din ic-CDI box mal-ewwel l-ghaliex tiswa hafna flus u ried ikun mija fil-mija li l-kwistjoni kienet gejja minnha. Qal li ghalih kienet haga facli li jghid lir-rikorrenti sabiex ibiddel din il-part u l-kwistjoni tieqaf hemm, izda huwa ried ikun cert sabiex ma joqghodx ineffaq flus lir-rikorrenti u kien ghalhekk li huwa kien qal lir-rikorrenti sabiex jistenna ftit sakemm jidhol mutur bhal tieghu halli jkun jista jbiddel ic-CDI box ta' dan il-mutur ma dak tar-rikorrenti u b'hekk ikun jista jistabilixxi b'certezza minn fejn kienet gejja l-hsara. Kif diga inghad, ix-xhud qal ukoll li r-rikorrenti ma oggezzjonax ghal dan il-fatt.

iv. F'Gunju 2013 il-mekkanik addett mas-socjeta intimata kien qal lir-rikorrenti li kienet marret l-E.C.U (Electronic Control Unit) tal-mutur u li din riedet titbiddel. Mistoqsi mit-Tribunal kemm kien ilu ghandhom il-mutur qabel ma sabu minn fejn kienet gejja l-hsara, ix-xhud qal li kien ilu ghandhom ghal madwar hames xhur. Dan il-punt gie ikkonfermat mill-mekkanik Steve Worley.

v. Wara li staqsieh il-prezz taghha, r-rikorrenti talab lill-mekkanik sabiex jordnaha u jbiddilha. Ghar-rigward ta' din il-kwistjoni John Mamo, da parti tieghu jghid li r-rikorrenti kien mar il-Parts Department tas-socjeta intimata u peress li ma kellhomx din il-part, kellha tigi ordnata minn barra. Zied ighid li biex tigi ordnata din il-part, kien jehtieg li jsir depositu akkont, "... *liema depositu akkont sal-lum ghadu qatt ma sar mir-rikorrenti u ghalhekk ahna ma ordnajnihiex* " (fol. 34). Da parti tieghu, Steve Worley qal li din ic-CDI box giet ordnata mis-socjeta intimata u r-rikorrenti ma oggezzjonax ghal dan il-fatt. Fil-fatt, kompla jghid ix-xhud, ir-rikorrenti kien awtorizzah sabiex igib din ic-CDI (ECU) box (fol. 43A).

Ir-rikorrenti jichad li xi hadd da parti tas-socjeta intimata kien qallu li ried jaghmel depositu akkont sabiex tkun tista tingieb din il-part.

vi. F'Awwissu, 2013 ir-rikorrenti kien cempel lill-mekkanik u dan infurmah li l-part mehtiega kienet qeghda fil-pussess tas-socjeta intimata izda kienet ghadha ma twahhlitx.

vii. Xi ftit jiem wara din it-telefonata, r-rikorrenti reggha cempel lill-mekkanik u kien hawn li dan ta' l-ahhar qallu li kellhom problema. Ir-rikorrenti qal li l-mekkanik "*qalli li l-E.C.U. li kienu bghatulu ma kenitx taqbel mal-mutur. Fi kliem iehor kien qalli li bghatulu l-part il-hazina*" (fol. 18). Steve Worley qal li wara li kienet giet ordnata l-part mis-socjeta intimata u giet, r-rikorrenti mar jigborha u hadha ghand ix-xhud sabiex dan ikun jista jinstallaha fuq il-mutur tieghu. Qal li meta gablu din il-part, huwa rrejalizza li din ma kienitx kompatibbli mal-mutur tar-rikorrenti. Reggha ikkonferma, x-xhud Steve Worley, li "*l-ordni tal-part saret mis-socjeta ntimata. Jiena mbaghad avzajtu sabiex imur igib il-part it-tajba. Jiena hallejt f'idejh u ma nafx jekk gietx ordnata din il-part jew le minnu*" (fol. 43A).

viii. Meta r-rikorrenti staqsa lill-mekkanik addett mas-socjeta intimata x'kien fi hsiebhom jaghmlu, l-mekkanik wiegbu u qallu li "*kellhom ikellmuhom biex igibu l-part it-tajba*" (fol. 18). Fuq dan il-punt, John Mamo spjega li l-part li kienet ghand is-socjeta intimata kienet ghal mutur iehor u li din il-part qatt ma kienet intenzjonata ghall-mutur tar-rikorrenti (fol. 159). Sahaq li biex tingieb din it-tip ta' part, ir-rikorrenti kien jehtieglu li jaghmel depositu akkont tal-prezz taghha, liema depositu pero, r-rikorrenti baqa qatt ma ghamlu.

ix. Sal-lum, qal ir-rikorrenti, l-mutur kien ghadu ghand is-socjeta intimata. John Mamo stqarr li meta s-socjeta intimata rceviet din it-Talba odjerna, il-mechanic Steve Worley, kien cempel lir-rikorrenti minn quddiem ix-xhud u kien infurmah li l-part ghadha disponibbli minn barra u li "*... jekk jigi u jaghmel id-depozitu li konna tlabnieh jaghmel din kienet tingieb fi zmien gimghatejn*" (fol. 34). Minkejja dan, ir-rikorrenti baqa ma ordnax din il-part.

x. Fis-6 ta' Frar, 2014, data tal-prezentata tat-Talba odjerna, r-rikorrenti pprezentaw ittra ufficjali kontra s-socjeta intimata (fol. 20).

xi. Ir-rikorrenti stqarr li minhabba dan id-dewmien da parti tas-socjeta intimata huwa sofra diversi danni. Huwa elenka s-segwenti danni:

a) Bejn is-7 ta' Jannar, 2013 u s-16 ta' Frar, 2014 huwa tilef is-somma ta' €3,962 (Skeda B, fol. 47);

b) Loss in usage value fl-ammont ta' €993.87c (Skeda C, fol. 49);

c) Deprezzament tal-mutur fl-ammont ta' €433.80c (Skeda D, fol. 50);

d) Disbursements maghmula minnu in konnessjoni ma dan il-mutur tul iz-zmien li dam fil-pussess tas-socjeta intimata u cioe l-insurance li r-rikorrenti baqa jhallas u l-licenzja tal-MTA fl-ammont ta' €624.60c (Skeda E, fol. 51);

B'kollox qal ir-rikorrenti, huwa sofra s-somma ta' €6,014.27c f'danni.

10. Jirrizulta mill-provi li r-rikorrenti ma kienx oggezzjona ghal fatt li s-socjeta intimata kienet sejra tistenna sakemm jingieb mutur bhal tar-rikorrenti sabiex wara li tkun installat il-parts minn fuq dan it-tieni utur ghal fuq il-mutur tar-rikorrenti, jkun jista jigi stabbilit bi precizjoni min fejn kienet gejja l-hsara fuq il-mutur proprjeta tar-rikorrenti. Jidher li din l-informazzjoni ezatta ta' min fejn kienet gejja l-hsara inghatat lir-rikorrenti f'Gunju, 2013. Ghalhekk ma jistax jinghad li kien hemm xi nuqqas da parti tas-socjeta intimata sa hawn. Mhux l-istess jista jinghad ghaz-zmien ta' wara li kellha tingieb din il-part. Jirrizulta mix-xhieda ta' Steve Worley, li s-socjeta intimata hadet hsieb li tordna l-part in kwistjoni u sa hawn ma kien hemm l-ebda kwistjoni dwar xi depositu akkont li kellhu jaghmel ir-rikorrenti. It-Tribunal fehem, mill-provi prodotti, li l-kwistjoni tad-depositu akkont inqalghet meta kienet ingiebet il-part il-hazina minn barra. Huwa minnu li d-direttur tas-socjeta intimata John Mamo jghid li l-part li kellha s-socjeta intimata ghandha kienet ghal mutur iehor, izda dak li xehed Steve Worley kien car. Is-

socjeta intimata kienet ordnat il-part izda meta waslet hawn Malta irrizulta li ma kienitx taqbel ghat-tip tal-mutur tar-rikorrenti. Kien f'dan l-istadju li s-socjeta intimata, fil-fehma tat-Tribunal, u dan qed jasal ghaliha mill-provi prodotti, li intalab depositu akkont tal-prezz tal-part in kwistjoni. Dan id-depositu, r-rikorrenti baqa ma ghamlux. Huwa minnu ukoll li r-rikorrenti jghid li hadd mis-socjeta intimata ma talbu jaghmel depositu akkont, izda huwa probabli ferm li part li tiswa l-flus, bhal ma kienet dik in kwistjoni, s-socjeta intimata tkun tehtieg li jsir depositu akkont u allura anke a bazi ta' bilanc ta' probabilita, hekk sehh. Minkejja dan, is-socjeta intimata, anke a bazi tal-principju tal-imminimizzar tad-danni, baqghet ma ordnatx il-part it-tieni darba, galadarba l-ewwel part kienet ingiebet erronjament minnha, bil-konsegwenza li din il-part qatt ma ingiebet u l-mutur tar-rikorrenti ma setax jintuza. Ghalhekk, hija l-fehma tat-Tribunal li s-socjeta intimata ghandha twiegeb ghad-danni subiti mir-rikorrenti bejn Awwissu, 2013 u d-data tal-prezentata tat-Talba odjerna u cioe s-6 ta' Frar, 2014. Ghal fini ta' komputazzjoni tad-danni, t-Tribunal sejjer jibda minn nofs ix-xahar ta' Awwissu, 2013 anke peress li ma jirrizultax meta f'Awwissu, 2013 l-addett tas-socjeta intimata kien qal lir-rikorrenti li l-part kienet waslet. Il-figuri mressqa mir-rikorrenti baqghu ma gewx kontestati mis-socjeta intimata u allura ghandhom jittiehdu bhala li accettati. F'kull kaz, hemm bizzejjed dokumentazzjoni sabiex it-Tribunal jistrieh fuq il-valuri indikati mir-rikorrenti fin-nota taghhom b'certu serenita. Bejn il-15 ta' Awwissu, 2013 u s-6 ta' Frar, 2014 hemm mija hamsa u sebghin (175) gurnata. It-Tribunal pero ma jaqbilx mal-iskedi C, D u E mressqa mir-rikorrenti u ma huwiex sejjer jehodhom in konsiderazzjoni dan peress li ghar-rigward ta' skeda B "loss in usage value", l-mutur in kwistjoni bhal kull vettura ohra, jitlef il-valur tieghu aktar ma jghaddi iz-zmien u fl-ammont ta' flus li dan il-mutur jinkera, jkun hemm ukoll dan l-element imdahhal fih. Ghalhekk, fl-ammont li ser jigi likwidat, dan l-ammont, fil-fehma tat-Tribunal huwa diga inkluz. L-istess haga jinghad ghar-rigward ta' l-Iskeda C li titkellem dwar id-deprezzament fil-valur tal-mutur de quo. Imbaghad hemm l-iskeda E li titkellem dwar l-insurance u l-MTA Licence Fees. Skond ma jirrizulta min dan id-dokument (fol. 51), il-licenzja ta' l-MTA ma thallsitx ghas-sena 2013/2014 u lanqas ma tresqet prova li thallset l-insurance

fuq il-mutur ghal-perjodu wara Gunju, 2013. L-uniku prova ghar-rigward ta’ insurance hija dik li hemm a fol. 54 li tirreferi ghal perjodu 26 ta’ Gunju, 2012 u t-30 ta’ Gunju, 2013. Ghalhekk, kif diga inghad, it-Tribunal mhux ser jillikwida xejn fuq dawn l-aspetti. Ghar-rigward il-*loss in usage value*, wara li t-Tribunal ra d-dokumentazzjoni esebita huwa tal-fehma li jkun gust u ekwu li tigi likwidata s-somma ta’ elf u hames mitt euro (€1,500) ghal perjodu li dan il-mutur dam ghand is-socjeta intimata, f’liema perjodu (15 ta’ Awwissu, 2013 sa 6 ta’ Frar, 2014) is-socjeta intimata kienet responsabbli ghad-danni subiti mir-rikorrenti.

11. Bhala l-ahhar punt, it-Tribunal jinnota ukoll id-diversi dikjarazzjonijiet maghmulin mill-abbli rapprezentanta tas-socjeta intimata li r-rikorrenti setghu jiehdu l-mutur in kwistjoni, haga li jidher li ma sarx sad-data ta’ l-ghoti ta’ din is-sentenza.

12. Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi:

i. Jichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata in kwantu din hija bbazzata fuq l-artikolu 1431 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

ii. Jichad il-kumplament ta’ l-eccezzjonijiet in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz;

iii. Jilqa t-talba tar-rikorrenti limitatament ghall-ammont ta’ elf u hames mitt euro (€1,500) u konsegwentement qieghed jikkundanna lis-socjeta intimata thallas is-somma ta’ elf u hames mitt euro (€1,500) lir-rikorrenti, bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mill-lum sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mis-socjeta intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------